# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 0 0

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri** Cert.Dip.Stud., LL.D.
**Membri : - Sur Charles Magro**
**- Sur Joseph Farrugia**

**Kaz Numru 2704/LC**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn**

**Union Haddiema Maghqudin**

**vs**

**Malta International Airport plc**

**dwar nuqqas ta' implimentazzjoni tal-ftehim fir-rigward tal-job evaluation exercise tat-2 ta' Gunju 2005, dwar ir-relattivita` tas-salarji u r-responsabbiltajiet tal-Meteorological Officers.**

Illum 29 ta' Lulju 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali mill-ministru ghall-politika socjali s-Sur John Dalli wara ittra mill-Union Haddiema Maghqudin u wara li saret laqgha ta' konciljazzjoni bejn l-istess Union u l-Malta International Airport plc u ma ntlahaqx ftehim.

PRELIMINARI

Permezz tal-ittra imsemmija tal-Union Haddiema Maghqudin ffrimata minn Martin Caruana bhala Segretarju tat-Taqsima Port u Kummerc tal-istess union, inghad li fis-17 ta' Mejju 1998 sar ftehim preliminari bejn il-Gvern Malti u l-Kumpanija M.I.A. plc biex l-impjegati fl-ufficju Meteorologiku tal-Avjazzjoni

Civli jkunu trasferiti ghal mal-Kumpanija M.I.A. plc. Dan l-impieg kellu jkun b'sehh mill-1 ta' Mejju 1998. Imbaghad fis-7 ta' Lulju 2004 saret talba mill-*Meteorological Officers* lic-Chief Executive Officer tal-M.I.A. plc biex isir *Job Evaluation Exercise* minn esperti fil-Meteorologija tal-United Kingdom Meteorological Office, biex tissolva l-kwistjoni dwar ir-relattivita` fis-salarji skond ir-responsabilitajiet tal-Meteorological Officers. Imbaghad fit-2 ta' Gunju 2005 sar job evaluation exercise li skond l-Union ma giex implimentat mill-kumpanija intimata Malta International Airport plc, u ghalhekk tressaq dan il-kaz quddiem it-Tribunal biex jinghata rimedju; dan ghandu jitqies it-*Terms of Remit* ta' dan il-kaz.

Sussegwentement, l-Union Haddiema Maghqudin pprezentat id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn b'zieda ma' dak li gia` inghad qabel, spjegat li l-Ftehim Kollettiv vigenti ma kienx qed jirrifletti r-responsabbiltajiet tal-haddiema fil-grad ta' Meteorological Officer (Forecaster) kif partikolarment irrizultaw mir-rapporti li saru. Tghid li fi Frar 1999 l-M.I.A. plc ukoll ikkommisjonat lill-kumpanija internazzjonali SERCO biex tanalizza r-relattivita` bejn dawk imsejha *Forecasters* u dawk imsejha *Observers.* Pero` wara dan, il-konsulent tal-M.I.A. plc s-sur Alfred Mallia-Milanes ma qabilx li kien hemm distinzjoni bejn dawk iz-zewg gradi bhal ma kienu qed jghidu r-rapporti. Tghid li sar rapport iehor mill-UK Met Office li kkonkluda li d-distinzjoni bejn is-salarji tal-Forecasters u dawk tal-Observers ma kinitx tirrifletti d-distinzjoni li hemm fir-responsabbiltajiet rispettivi taghhom. Ghalhekk l-Union bdiet tinsisti mal-M.I.A. plc biex fil-Ftehim Kollettiv li kien qed jigi diskuss dak iz-zmien tittiehed in konsiderazzjoni din ir-relattivita` bejn dawn iz-zewg gradi ta' haddiema; pero` l-M.I.A. plc ma accettat li ddahhal xejn fil-Ftehim Kollettiv, u anqas f'xi dokumenti iehor sussegwenti. F'dan il-kuntest l-Union Haddiema Maghqudin qed titlob li jsir tibdil fil-Ftehim Kollettiv biex tigi rispettata r-relattivita` bejn il-gradi tal-Meteorological Officers (Forecasters) u l-Observers, u qed titlob ukoll li l-imsemmija Meteorological Offiers jinghataw kumpens finanzjarju.

Il-kumpanija intimata pprezentat risposta brevi li tghid li t-talbiet tal-Union ma ghandhomx jithallew jirnexxu stante illi kif ser jigi spjegat waqt is-smiegh tal-kaz ma hemm ebda rbit da parti tal-intimata li jobbligaha tiftah mill-gdid il-Ftehim Kollettiv, li del resto gie ffirmat wara l-ezercizzju li ghalih hemm referenza da parti tar-rikorrenti.

PROVI

Il-parti l-kbira tal-provi f'dan il-kaz tressqu mill-Union rikorrenti, u ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien indikat peress li s-smiegh tax-xhieda ha madwar sena. **John Pius Darmanin** xhed b'dettal dwar il-kwsitjonijiet kollha involuti. Spjega li huwa kien ilu 26 sena "Meteorological Officer" li hu l-grad moghti mill-employer, imma huwa tip ta' xoghol li internazzjonalment jigi referut bhala Forecaster. Jghid li hemm tliet gradi ta' meteorological officers, apparti li fuq kulhadd ikun hemm ic-Chief Meteorological Officer. Jispejga li huwa kellu kariga ta' Met Officer proprja: tahtu ikollu l-assistants li allura jissejhu Met Assistants. Bejn dawn iz-zewg gradi hemm is-Senior Met Assistant. Internazzjonalment, iz-zewg gradi ta' Assistants komunement jissejhu Observers, u d-distinjoni fix-xoghol u r-responsabbilta` bejn l-Observers u l-Forecasters hija wahda kbira hafna. Jghid li l-Ftehim Kollettiv isemmi din id-distinzjoni ta' gradi, pero` mhix riflessa fil-pagi; problema li zviluppat meta l-Malta International Airport hadet l-immanigjar tal-Met Office minn ghand il-Gvern. Jghid li meta saret din ic-change-over, il-Forecasters hadu zieda ta' Lm260 fis-sena mentri l-Met Assistants hadu zieda ta' Lm449 fis-sena; u imbaghad is-senior Met Assistants hadu zieda ta' Lm696 fis-sena. Dan affettwa r-relattivita` fil-pagi ghaliex issa minn differenza ta' 1.14% nizlet ghal 1.1%. Jghid li l-Forecasters oggezzjonaw mill-ewwel, u cioe` f'xi l-2001 jew 2002, u l-M.I.A. weghdithom li kien ser isir job evaluation exercise.

Dan ix-xhud tkellem dwar numru ta' rapporti u gew esebiti siltiet minnhom. Jispjega li fiz-zmien tac-*change-over* mill-Gvern ghall-MIA kien sar rapport mill-kumpanija internazzjonali SERCO (pagna minn dan ir-rapport hija esebita bhala dokument A), li skond l-istess xhud "ghadha sallum tahdem f'dan ix-xoghol biex taghmel assessment tal-gradi tal-Met Office", u jghid li din ikkonkludiet li d-distinzjoni bejn ir-responsabbiltajiet tal-forcasters u tal-observers mhix riflessa fid-differenza fil-pagi rispettivi. Jghid li imbaghad il-kumpanija intimata kkummissjonat lil Mallia-Milanes & Associates taghmel *Job Evaluation Exercise 2002-2003*, u skont is-siltiet esebiti bhala Dokument C, meta kien qed isir dan ir-rapport persuni fil-management tal-M.I.A. infurmawhom li ma kienx hemm differenza fir-responsabbiltajiet bejn il-Meteorological Officer u s-Senior Meteorological Assistant (paragrafu 2.100). Ix-xhud jilmenta li ta' Mallia-Milanes ikkonsultaw mal-management biss fuq dan, u bhal ma jinghad fil-paragrafi sussegwenti, il-grad ta' Met Officer u ta' Senior Met Assistant gew indirizzati simultanjament bhal li kieku kienu l-istess. Hawnhekk ghandu jigi notat li f'paragrafu 2.104 tar-rapport ta' Mallia-Milanes jinghad li "*We also confirmed with the Company's senior management that the posts of Meteorology Officer and Senior Meteorology Assistant were not managerial positions and that the employees in these posts were expected to implement a number of routine and ad hoc tasks assigned to them by the Chief Meteorologist.*"

Ix-xhud, is-sur Darmanin, jilmenta mir-rapport ta' Mallia-Milanes ghaliex dan kien ibbazat biss fuq dak li qallu d-division manager Mario Cuomo, u l-istess rapport jghid li ma kienx hemm ghad-dispozizzjoni tieghu job description tal-gradi diversi tal-meteorologija, mentri ftit qabel kien gie inkarigat espert barrani, Fons van Loy, biex josserva u jimmodernizza l-meteorological office tul is-sena 2001, u meta gie biex jitlaq fl-2002 dan mhux biss ghamel job descriptions tal-Met Officer u tal-Met Assistants u tas-Senior Met Assistants, talli kkonkluda li kienu l-Met Assistants u s-Senior Met Assistants li kienu kwazi l-istess, mhux is-Senior Met Assistants u l-Met Officers. Ix-xhud jiccita dan ir-rapport ta' Fons van Loy li jghid li s-senior Met Assistants u l-Met

Assistants jistghu jiehdu x-xoghol ta' xulxin, imma mhux tal-Met Officer. Minkejja dan ir-rapport, il-kumpanija intimata infurmat lill-Mallia-Milanes mod iehor, li allura kkonkludew erronjament li gialadarba ma kienx hemm distinzjoni bejn ir-responsabbiltajiet tas-Senior Met Assistant u tal-Met Officer, allura kien sew li ma kienx hemm wisq differenza fil-pagi rispettivi taghhom.

Ix-xhud jispejega kif il-Met Officer ikun irid isewgwi 25 data screens, 7 minnhom computer monitors, u wara li janalizzahom minnhom irid johrog t-tbassir (il-forecast) tat-temp li jkun gej. Huwa jkun irid jifhem x'qed jigri xjentifikament, jispjegaha, u jinterpretaha ghal skopijiet ta' rapporti tat-temp, twissijiet, u tbassir ghal li gej. Il-Met Officer ghandu wkoll ir-responsabbilta` tal-**Flight Information Region** (F.I.R.) mit-Tunezija sa Kreta biex jiggwida l-ajruplani li jkunu ghaddejjin miz-zona. Dwar il-bahar il-Forecasters Maltin ghandhom gurisdizzjoni fuq radius ta' 50 mil nawtiku, bic-centru tac-cirku rispettiv ikun spustat 50 mil nautiku lejn in-Nofsinhar ta' Malta. Jghid li dan ix-xoghol l-anqas ic-Chief Meteorological Officer ma jaghmlu. Il-Met Assistant jigbor id-data imma ma jinterpretahiex u ma jaghtix pariri. Wara r-rapport ta' Mallia-Milanes, il-Met Officers ipprotestaw, u gie jkellimhom ic-Chief Executiv Officer Bolek li weghdhom li ser jinvestiga din l-anomalija u li jekk hemm bzonn jitqabbad espert barrani.

Ix-xhud spjega kif imbaghad intalab rapport minn ghand il-Met Office U.K., u l-Human Resources Manager Lorry Gibson-Barton ipprepara Job Evaluation Exercise Undertaken at Malta International Airport. Mill-kopji esebiti (Dokument D) jirrizulta li dan ir-rapport tlesta f'Gunju 2005. Dan ir-rapport jispjega kif kien hemm change-over fil-Met office ta' Malta f'Settembru 2001, liema officju gie modernizzat taht is-supervizjoni ta' espert fil-meteorologija moderna, u li sar job evaluation exercise fl-2002-2003 li ma ntlaqax tajjeb minn sezzjoni tal-impjegati, u ghalhekk gie kkommissjonat dan il-*job evaluation exercise* biex ikun indipendenti u finali. Jghid li ghalkemm l-M.I.A. ipprovdiet il-gradazzjoni taghha, ittiehdu in konsiderazzjoni anke kampjuni ta' haddiema mhux fil-Met Office sabiex jigu kkumparati mal-Job Evaluation and Grading

Support (JEGS) tal-Ingilterra. B'hekk dan l-ezercizzju kien ser ihares lejn l-impiegi indipendentement mill-gradi moghtija f'Malta imma in paragun mas-sistema JEGS tas-Civil Service tal-Ingilterra. Is-sistema JEGS tintuza fir-Renju Unit biex tigi stabbilita r-relattivita` bejn impieg u iehor fic-Civil Ingliz.

In kontroezami dan ix-xhud ma cahadx li mal-M.I.A. kien hemm Senior Met Assistant wiehed biss u li kien dalwaqt jirtira, u ma cahadx li bi ftehim mal-Union hadd ma kien ser jinghata dak il-grad aktar.

Xhed imbaghad **Kenneth Chase** li huwa Met Officer ukoll li kkonferma dak li kien xehed is-sur Darmanin. Xhed Mario Abdilla li ghal 15 –il sena kien Observer (igifieri Met Assistant). Xogholu kien jigbor u jipplotja d-*data*, imbaghad janalizzahom il-forecaster, kif qed jaghmel hu illum. Jghid li z-zona tal-ajru imsemmija FIR tkopri medda ta' metejn u hamsin elf kilometri, u l-Forecasters huma responsabbli li johorgu kwalunkwe twissija necessarja lill-ajruplani li jkunu fiz-zona minhabba xi 'hazards' li jista' jkun hemm. Dan ix-xhud jinnota li skond ir-rapport tal-Met Office Ingliz, ir-responsabbiltajiet li kellhom il-Forecasters Maltin kienu ekwivalenti ghar-responsabbiltajiet tas-Senior Forecasters Inglizi, li kellhom paga ferm oghola. Hu jghid li pero` l-forecasters Maltin ma kienux qed jippretendu li jithallsu bhall-Inglizi imma li r-relattivita` bejn il-forecasters u l-observers tigi rispettata u riflessa fil-pagi proporzjonalment. Din id-distinzjoni ma hargitx fil-Ftehim Kollettiv li kienet qed tiffirma l-MIA mal-UHM, bl-ahhar wiehed jiskadi fl-ahhar tal-2013. Jghid li fit-Tieni Ftehim Kollettiv iffirmat, il-kumpanija MIA accettat li tgholli l-grad ta' Senior Technician u anke tas-Senior Technical Officers, imma m'ghollietx dak tal-Forecasters, anzi fit-tielet Ftehim Kolletiv (li kellu jiskadi fl-ahhar tal-2013) dan il-grad tbaxxa minn 1.6 ghal 1.5, meta fl-Ingilterra kien 2.4. Il-grad tal-Met Assistants kien 1.4 u baqa' hekk fiz-zewg Fehim Kollettivi sussegwenti. Is-Senior Met Assistant tqieghed fil-livell 1.6 u baqa' hekk, meta fl-Ingilterra dan qieghed livel ta' 1.4. Dan ix-xhud jghid li t-tieni Ftehim Kollettiv gie in vigore fl-2004 (u cioe` qabel ma hareg ir-rapport tal-UK Met Office) pero` t-tielet Ftehim Kollettiv gie in vigore fl-2007 (u cioe` ferm wara). **Mario Abdilla**

osserva li mir-rapport tal-2005 'l hawn ix-xoghol tal-Met Officers zdied kemm minhabba t-technologija moderna, kemm ghax zdiedu s-sorsi tal-informazzjoni u kemm ghaliex d-*data* qed tigi processata minn super-computers li jiggeneraw *weather maps* li jkunu jridu jigu analizzati mill-forecasters. Wara dak ir-rapport kien anke dahal l-ISO Standard mad-dinja kollha f'xi l-2007 jew 2008, u allura l-forecasters kellhom aktar x'janalizzaw. Anzi f'xi l-2007 ukoll il-forecasters zdiditilhom is-sorveljanza tal-FRONTEX, ghalkemm dan ix-xhud jghid li protesta ghax ma riedx jizdiedlu x-xoghol minghajr ma jigi rikonoxxut.

Xhed is-segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-UHM **Martin Caruana** li kkonferma li waqt in-negozjati tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 2007-2013, l-Union talbet li s-sitwazjoni tal-Met Office tigi diskussa u indirizzata, pero l-kumpanija ma qablitx li taghmel dan: il-kumpanija riedet tinnegozja l-Ftehim Kollettiv b'mod generali u dan ix-xhud jghid li dwar il-Met Office il-kumpanija riedet li jsiru diskussjonijiet separati mill-Ftehim Kollettiv. Mistoqsi jghid jekk ir-rapport tal-UK Met Office ingiebx ghall-attenzjoni tal-MIA waqt id-diskussjonijiet dwar il-Ftehim Kollettiv jghid li 'iva', pero' l-kumpanija riedet li "niddiskutuh separatament mill-Ftehim Kollettiv ghax ma ghandux izomm il-ftehim peress li n-numru ta' nies huwa hafna zghir." Jghid li imbaghad wara li gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv ma saret ebda diskussjoni.

Ghall-kumpanija intimata xhed **Roderick Bajada** bhala l-kap tal-Human Resources tal-M.I.A. li pprezenta kopji minn rapport jew abbozz ta' rapport (dokument RB1) li gie ppreparat f'Awwissu 2006 minn Nigel Gait u Lorry Gibson-Barton tal-Met Office tar-Renju Unit. Id-dokument esebit jindika li issejjah "version 1.0". Dan sab li l-Forecasters kienu qed jutilizzaw biss 40% tal-hin tax-xoghol taghhom ghall-forecasts, u xi 10-20% ghall-ipprocessar tad-*data*, u jghid li anke l-gradi l-ohra kienu jifilhu jaghmlu xoghol aktar milli kienu qed jaghmlu. Dan ix-xhud ipprezenta wkoll skeda tal-pagi tal-Met Officers mill-1998 sal-2013, u tal-pagi tal-Met Assistants mill-1998 sal-2013 ukoll. Dan ix-xhud jghid li l-haddiema tal-Officju meterjologiku gew trasferiti mill-Gvern ghall-M.I.A. fl-1997 u kellhom cans sena jahsbuha iridux jibqghu

mal-M.I.A. jew iridux imorru lura mal-Gvern; igifieri s-salarji tal-1998 huma dawk li accettaw il-haddiema meta ghazlu li jibqghu mal-M.I.A. Issa fl-1998 il-Met Officers kellhom €1236.89 oghola mill-Met Assistants, mentri fl-2013 huma kellu jkollhom €1965.08 aktar mill-Met Assistants[1]. Jghid li l-ahhar Ftehim Kollettiv ghall-perjodu 2007-2013 gie konkluz u ffirmat f'Gunju 2008 meta dawn ir-rapporti kollha gew ikkonsidrati u l-gradi li hemm kwistjoni dwarhom huma koperti bl-istess Ftehim Kollettiv. Jghid li meta ntlahaq ftehim bejn il-Union u l-MIA ma kien hemm ebda tip ta' riserva jew "saving clause" ghall-ebda grad, u jghid li anzi kien gie approvat mill-impjegati unanimament. Jghid ukoll li tal-Officju Meterjologiku ma jistghux jghidu li ma qablux ghax meta gie approvat il-Ftehim Kollettiv kien hemm prezenti membru mill-Met Office. Jghid li anqas ma saret xi 'side letter' jew xi ftehim iehor separat, u li sa fejn jaf hu l-kumpanija qatt ma kkommettiet ruhha li tiftihem mod iehor rigwardanti xi grad jew gradi li kienu jaqghu taht dak il-Ftehim Kollettiv.

In kontroezami Roderick Bajada jghid li huwa dahal mal-MIA fl-2007 u dak iz-zmien il-forecasters kienu diga' qed jilmentaw li mhumiex imhallsin b'mod gust. Jghid li d-dokument RB1 ma kienx dokument komplut ghaliex kien sar rapport ikbar u dik hi silta minnu. Ix-xhud ma jichadx li s-silta tar-rapport esebita minnu kienet titkellem biss fuq il-work-load u mhux fuq ir-responsabbiltajiet. Dwar il-fatt suggerit lix-xhud li dan ir-rapport sar wara osservazzjoni mill-imsemmi Nigel Gait matul tlitt ijiem bejn Lulju u Awwissu 2006, ix-xhud jghid li r-rapport ma sarx fuq ix-xoghol li seta' inqala' f'dawk il-granet imma fuq ix-xoghol kollu li kien mistenni jsir minn zmien ghal zmien. Dwar ir-rapprezentant tal-Met Office waqt l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv, Roderick Bajada jghid li dan kien John Gouder li kien Met Assistant, u allura kkoncedda li dan mhux wiehed mill-forecasters li qed jilmentaw. Jghid li dan Gouder kien gej mill-General Workers Union, pero d-diskussjonijiet u l-Ftehim sar kemm mal-General Workers Union kif ukoll mal-Union Haddiema Maghqudin. Jghid li ghalkemm il-Ftehim Kollettiv juri li gie ffirmat bejn l-M.I.A. u l-G.W.U. ir-rapprezentanti tal-G.W.U. u tal-U.H.M. kienu informaw

[1] *vide* l-comparison sheet dokument RB2 esebit mill-istess xhud.

lill-kumpanija li huma kienu qed jaqblu mal-Ftehim Kollettiv unanimament. Meta x-xhud gie mistoqsi jaqbilx li l-haddiema tad-Dipartiment tan-nar kienu koperti bil-ftehim kollettiv u xorta pproponewlhom tibdil fil-kondizzjonijiet, huwa cahad, pero' meta gie muri email relattiva tal-11 ta' Jannar 2011, huwa spjega li kien jehtieg tibdil peress li kienu ser jigu trasferiti ghal ma' kumpanija sussidjarja. Jghid li gie propost li allura dawk il-haddiema isirilhom Ftehim Kollettiv gdid. Jghid li l-unions setghu oggezzjonaw ghal ftehim kollettiv gdid gialadarba l-Ftehim Kollettiv li kien ghadu vigenti kien jorbot liz-zewg nahat. Hawnhekk ix-xhud gie kkonfrontat b'dokument ippreparat mill-UHM li kkritika r-rapport ta' Gait fl-ewwel lok ghaliex dan gie bazat fuq dak li gie osservat f'xi 3 ijiem ta' sena partikolari (fejn allura s-sample ma setax ikun sufficjenti); fit-tieni lok ghaliex dan is-sample ittiehed fix-xahar ta' Lulju li huwa wiehed mill-iktar xahar kwieti ghal dak li jirrigwarda l-meteorologija f'Malta; u fit-tielet lok ghaliex il-kampjun ittiehed matul il-gurnata biss, u cioe` ma giex osservat ix-xoghol matul il-lejl[2].

Dwar ir-rapport tal-Union rega' xehed Roderick Bajada li innota li dan id-dokument RB1 gie ppreparat minn P.J. Darmanin f'Mejju 2008 ghall-Union; igifieri qabel ma l-istess Union marret tiffirma l-Ftehim Kollettiv f'Gunju 2008. Jghid li ghalkemm John Gouder kien gej mill-GWU u kien Met Assistant, huwa xorta kien qed jirrapprezenta lill-haddiema kollha, u fil-fatt iffirma l-Ftehim Kollettiv. Mistoqsi ghaliex il-Ftehim Kollettiv kien ser jigi negozjat mill-gdid fil-konfront tal-Fire Department imma mhux tal-Met Office, ix-xhud qal li dawk il-haddiema kienu ser jintbaghatu ma' kumpanija ohra u kien opportun li jsir Ftehim gdid: pero` ried ikun hemm il-kunsens taz-zewg nahat l-ewwel. Dwar li jinbidel il-Ftehim Kollettiv in rigward tal-Met Office il-kumpanija ma kinitx qed taqbel, u allura kellu jibqa'.

[2] vide Dokument JB1 ipprezentat mill-Union fil-15 ta' Frar 2011.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Jigi notat li l-kumpanija intimata bbazat il-difiza taghha principalment fuq il-principju ormaj ben stabbilit fit-Tribunal Industrijali u l-Qrati Maltin li dak li jigi miftihem fi Ftehim Kollettiv jorbot kemm lil min ihaddem kif ukoll lill-haddiema koperti b'dak il-ftehim, u tali rabta ma tinhallx jekk mhux wara li jiskadi t-terminu ta' dak il-ftehim jew bi qbil bejn l-istess zewg nahat. Dwar l-ilment tal-U.H.M. li bhala fatt ir-rapporti kollha jirrikonoxxu li qed issir ingustizzja mal-haddiema imsejha Forecasters, il-kumpanija intimata tghid biss li hemm min jghid mod u hemm min jghid mod iehor.

Frankament, din il-vertenza verament trid tigi rizolta fuq bazi legali dwar kemm hu legittimu li tbiddel dak li jkun miftihem fi Ftehim Kollettiv, pero` dan it-Tribunal ma jistax ma jaghmilx osservazzjonijiet dwar dak li ingieb quddiemu. Irrizulta li fi zmien qasir wara li l-haddiema tal-Officju Meterjologiku gew trasferiti mal-M.I.A. gie kummissjonat rapport mill-kumpanija internazzjonali SERCO. Il-Met Officers, li fl-interess taghhom qed isir dan il-kaz tal-lum, jidher li kienu kuntenti bir-relattivita' tal-pagi taghhom imqabbla ma' tas-subalterni taghhom dak iz-zmien, u sahansitra accettaw li jsiru impjegati tal-M.I.A. Mir-rapport tas-Serco, dan it-Tribunal kellu quddiemu silta qasira ferm, pero` mill-istess silta l-UHM iccitat diversi drabi s-sentenza li tghid, "*It is also the opinion of the auditor that the pay differential between the forecasters' grade and the assistants' grade is way out of proportion to the qualifications and responsibilities of the job and in the case of some individuals this is seen to be de-motivating*." Ix-xhud principali s-sur Darmanin jghid li l-Forecasters bdew jipprotestaw mill-ewwel mill-2001: issa jew kellu d-data hazina u pprotestaw fl-1998 meta fl-istess hin accettaw li jibqghu mal-MIA, jew jekk verament ipprotestaw fl-2001 ifisser li d-disturb tar-relattivita` sehh WARA li fir-rapport tas-Serco (ta' Frar 1999) gie nnotat li d-differenza fil-pagi tal-forecasters u tal-observers kienu "way out of proportion." Il-Kumpanija intimata ma pproduciet lil hadd li kien involut fil-

kumpanija dak iz-zmien, pero` hemm dubju kemm ir-rapport tas-Serco isostni l-argument tal-Met Officers: pjuttost jinftihem il-kuntrarju.

Dan it-Tribunal josserva li sar rapport iehor fi Frar 2001 minn Fons van Loy, u dan verament jindika li ghandu jkun hemm distinzjoni flagranti bejn dak li jaghmlu l-Meteorolgical Assistants u dak li jaghmlu l-Meteorological Officers. Dan ir-rapport iqis lis-Senior Meteorological Assistants bhala kwazi l-istess bhall-Observers l-ohra, l-Met Assistants. Jghid li l-Met Assistants u s-Senior Met Assistants setghu jirimpjazzaw lil xulxin, pero qatt ma setghu jirrimpjazzaw Met Officer jekk wiehed jigi nieqes. Ghalhekk dan ir-rapport jindika li l-Met Assistants u s-Senior Met Assistants ma kellux ikollhom differenza wisq fil-paga, mentri l-Met Officers kienu fi grad oghola.

Imbaghad fl-2003 sar *Job Evaluation Exercise* minn Mallia-Milanes & Associates u dan jghidha bla tlaqliq li bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li gie rrappurtat lilhom mill-management, bil-konsegwenza li kull zball li seta' ha l-management effetwa negattivament lil dan ir-rapport. Bhala fatt dan ir-rapport jghid li kwazi mhemmx differenza bejn Met Officer u Senior Met Assistant u allura r-relattivita` tal-pagi kienet tajba. Jghid li ma jezistux *job-descriptions* li jiddistingwu dawn iz-zewg gradi u jikkonkludi li l-Human Resources Division kellha tistabbilixxi l-job description taghhom biex tiggustifika d-differenza fin-nomenklatura u l-grad. Pero` jidher li r-rapport Mallia-Milanes ma kienx konxju ta' dak li qal Fons van Loy, li anke ghamel job description dettaljat ta' dawn il-gradi. Jidher li l-kumpanija intimata serrhet mohhha b'dan ir-rapport li kellha kollox sew, pero` dak li inghad hawn fuq juri li l-ezercizju adoperat ma kienx wiehed komprensiv u idoneu.

F'Gunju 2005 sar rapport iehor minn Lorry Gibson-Barton tal-Met Office tar-Renju Unit, li huwa dettaljat hafna, u oggettiv. Dan, bhal ta' Fons van Loy, jikkonkludi li l-Met Assistants u s-Senior Met Assistants kienu fl-istess grad u ma kellhomx jitqiesu bhala wisq distinti, mentri l-Met Officers kellhom jitqiesu zewg livelli oghola minnhom, kieku kellna nqabblu xogholhom bil-mod li jigu

mqabbla fis-Servizz Civli fl-Ingilterra. Fl-Ingilterra tali differenza tkun trid tigi riflessa fil-pagi relattivi, u jigi nnotat li fil-waqt li l-Met Officers kellhom xoghol ekwivalenti ghal livell JL3 fl-Ingilterra, l-Observers kellhom it-tnejn xoghol li huwa ekwivalenti ghal JL5H fl-Ingilterra, li jfisser li tal-ewwel kellu jkollhom paga darba u nofs oghola minn tat-tieni. Ir-rapport jghid li ma ntalabx li jsiru rakkomandazzjonijiet, u fil-fatt ma sarux.

Finalment kien hemm id-dokument imsejjah Medium to Long Term Strategy for the Malta Meteorological Office li fuqu jinghad li huwa konfidenzjali u li gie ppreparat minn Nigel Gait u Lorry Gibson-Barton it-tnejn mill-Met Office tar-Renju Unit. Dan igib id-data 8 ta' Awwissu 2006. Ghalkemm il-Forecasters Maltin jilentaw li Nigel Gait gie Malta ghal ftit jiem biss, ma jsemmu xejn li dan ir-rapport jidher li sar ukoll mill-istess Lorry Gibson-Barton li tant gie mfahhar minnhom. Pero` jinghad li minn dan id-dokument gew prezentati ftit pagni biss u mhux intiz li jaghmel rakkomandazzjonijiet dwar pagi, imma dwar tnaqqis mill-work-force.

B'dan kollu t-Tribunal jasal li josserva li huwa veru li r-remunerazzjoni tas-Senior Met Assistants kienet relattivament gholja zzejjed meta kkumparata ma' dik tal-Met Officers in kwantu jidher li dawn kienu jithallsu kwazi indaqs. Jidher li din l-anomalija dahlet meta fil-bidu li l-officju meterjologiku sar parti mill-M.I.A. is-senior Met Assistants inghataw zieda ezorbitanti. Is-sur Roderick Bajada tal-M.I.A. pprezenta rendikont tal-pagi tal-Met Officers u tal-Met Assistants mill-1998 sal-2013[3], pero ma pprezentax dik tas-Senior Met Assistants, nuqqas li xejn ma gie gradat minn dan it-Tribunal. Ghalhekk jidher li bir-ragun il-Forecasters jilmentaw li r-relattivita` tal-pagi ma taghmilx gustizzja maghha. Ghandu jinghad ukoll li irrizulta li l-grad ta' Senior Met Assistant kien ser jigi abolit u kien ghad fadal wiehed biss f'dan il-grad.

Madankollu dan it-Tribunal irid jinforza l-ligi industrijali Maltija. Hareg bl-aktar mod car li l-Forecasters kienu ilhom zmien jilmentaw, u fil-frattemp gew

[3] Dokument RB"ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2011

iffirmati 3 Ftehim Kollettiv u l-ilment taghhom qatt ma gie indirizzat, forsi ghax in-numru taghhom huwa zghir.  L-Union Rikorrenti tammetti fit-trattazzjoni taghha li l-Ftehim Kollettiv kien jolqot ammont kbir ta' haddiema u gialadarba l-kumpanija intimata ma bdietx taccetta li tindirizza din l-anomalija, ma kienx jaghmel sens industrijali li jitwaqqaf il-Ftehim Kollettiv minhabba ammont minimu ta' haddiema.  Sfortunatament din hija is-sahha u d-djufija ta' meta ammont zghir ta' haddiema jkunu rapprezentati minn Union: jekk min ihaddem ma jkunx irid jaghti widen ghal dik il-minoranza zghira, l-Union ikollha tiddeciedi jekk twaqqafx lil kulhadd jew tissagrifika l-ilmenti tal-minoranza zghira.  Jidher li hawnhekk il-GWU u l-UHM flimkien qablu, u hareg car li dan sar b'mod unanimu, li l-kwistjoni tal-forecasters kellha tithalla fil-genb.  Ir-rapprezentanti tal-UHM jghidu li r-rapprezentanti tal-kumpanija weghduhom li din il-kwistjoni kienet ser tigi trattata separatament, pero` ma jirrizulta li saret ebda riserva jew xi side-letter li setghet thalli tieqa miftuha ghal diskussjonijiet ulterjuri.  Ghalhekk kollox juri li mal-iffirmar tal-Ftehim Kollettivi diversi kien dejjem qed jigi kkonfermat li l-Kumpanija ma riditx tindirizza l-ilment tal-Forecasters, u l-Unions baxxew rashom.  Ebda Union ma tista' tigi fit-Tribunal u titlob li l-ftehim milhuq minnha ma' min ihaddem jinbidel.  Ic-cirkostanzi ilmentati ilhom kienu diga' hemm qabel gew iffirmati l-Ftehim Kollettiv, u gew identifikati b'rapporti ukoll qabel gew iffirmati l-Ftehim Kolletiv, u ghalhekk it-Tribunal ikun qed jikser il-ligi jekk jibdel dak li gie miftiehm bejn Union u min ihaddem.

DECIZJONI

Ghalhekk dan it-Tribunal jikkonkludi li ghalkemm huwa minnu li r-relattivita` bejn il-paga tal-Meteorological Officers u s-Senior Meteorological Assistants giet iddisturbata wara li l-Officju Metereologiku ghadda taht il-kappa tal-M.I.A., pero` dawn il-gradi kienu koperti bi Ftehimijiet Kollettivi diversi li gew wara, u kwalunkwe tibdil fir-relattivita` prezenti tkun tehtieg tibdil fil-f'dak miftihem fil-Ftehimijiet Kollettivi rispettivi – haga li mhix konsentita mill-ligi.

Dan it-Tribunal m’ghandux poter jiddisturba l-ftehim milhuq fil-Ftehim Kollettiv u ghalhekk m'ghandux rimedju x'jaghti lir-rikorrenti. Fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, it-Tribunal jirrakkomanda li Ftehim Kollettiv futur ikun jindirizza din l-anomalija. B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

**Sur Charles Magro**
Membru

**Sur Joseph Farrugia**
Membru